MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2014

Numru 277/2010

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 29672m akkuzat talli fit-2 ta' Awissu 2009 ghal habta tal-ghaxra u ghoxrin ta' filghodu fi Triq anta Katerina, Zejtun, waqt li kien qed isuq vettura bin-numru ta' registrazzjoni ABG 504:

1. b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni u b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, ikkaguna griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Carmelo Montebello skond ma ccertifikaw Dr.Amanda Bugeja M.D, Dr.Stefania Cjhetcuti Zammit M.D u l-konsulent Mr Ray Gatt mill-Isptar Mater Dei;

Il-Prosekuzzjoni tablet ikun skwalifikat mill-licenzji kola tieghu tas-sewqan.

Rat it-talba tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament, mhux opposta;
Semghet ix-xhieda;
Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Il-fatti marbuta mat-tehid ta' dawn il-proceduri kontra l-imputat huma li fil-gurnata u hin specifikati fl-akkuza huwa laqghat pedonali li kien iccertifikat li sofra feriti gravi. L-imputat dak il-hin kien qieghed jittransita Triq Santa Katerina, Zejtun, isuq il-vettura tieghu numru ta' registrazzjoni ABG504 fil-waqt li kien qieghed jaqsam is-sinistrat.
Intant, u fil-waqt li, hu indubitat li l-griehi li sofra s-sinistrat kienu ta' natura gravi u unikament dovuti ghall-incident, jehtieg, ghall-konvicju, li jirrisulta l-imperizja jew negligenza fis-sewqan tal-imputat, igifieri li l-feriti ikkagunati u fl-liema entita', ikun responsabbli hu ghailhom stante nuqqas ta' hsieb, traskuragni jew nuqqas ta' tharis ta' regolamenti fis-sewqan tieghu.
Mill-atti processwali jirrisulta s-segwenti:

i. n-natura gravi tal-feriti tali li minghajr dubbju setghu gabu periklu ta' debulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem u li indubbjament gabu mankament jew sfregju f'wahda mill-idejn tal-offiz;

ii. is-sewqan mhux censurabbli tal-imputat;

Li ma jirrisultax huwa l-punt ezatt fejn intlaqat l-parti leza. Fil-kuntest ta' dan, l-iskizz (fol-8) juri biss il-konfigurazzjoni ta' Triq Santa Katerina fejn tisbokka f'Triq Sant Anglu. F'silta tax-xhieda tieghu lil-parti leza (li mietet fil-mori izda mhux minhabba l-incident) jghid: ..kont qieghed miexi lejn Triq Santa Katerina mill-iskola..vicin il-parti d-dejqa [taghha] u qsamt mill-lemin ghax-xellug.. harist il'fuq..rajtu daqxejn il-boghod..qsamt ftit aktar l'isfel minnha [b'referenza ghat-Triq Santa Katerina] u fil-fatt kont diga imxejt t-tul taghha meta gejt milqut..(fol 34/35). L-imputat da parti tieghu (fol.52 et seq) irrefera ghar-rampa intiza biex vetturi naqsu l-velocita u jghid li l-incident gara ezatt kif qabiza; quddiemu ma' kienx hemm karozzi u lanqas karozzi ipparkeggjati mal-gemb; Triq Santa Katerina hija dejqa u sens uniku; f'parti tax-xhieda tieghu qal li hares biex jara jekk kinitx hierga xi karozza (riferenti ghal dik murija fuq l-iskizz fejn hemm 'stop sign'); il-parti leza ra quddiema, ghafas il-'break' izda laqtu f'idejh ix-xellugija'. Wara domanda li saritlu in kontro-ezami qal li 'jidirlu li kien ghadu kemm beda jaqsam, jigfieri minn nofs lejn il-lemin ta' quddiem tal-karozza'.
Fuq ix-xhieda u l-fatti l-Qorti tikkonkludi li l-imputat ghandu jinstab hati minhabba biss li ma zammx 'proper lookout' ghalkemm il-parti leza mhux ezimi minn kull responsabilita' ukoll. Dal li l-Qorti tistqarr dwar id-dinamika tal-incident u li sehh fil-mument proprju li l-imputat hares lejn it-triq laterali li minnha hemm 'stop sign' ghall-vetturi li ikunu ser johorgu fuq it-triq li fiha kien qieghed jittransita l-imputat'.
Rat l-Artikolu 216(1)(a)(ii) tal-Kap 9 u l-Artikolu 15(1)(a) u (3) tal-Kap 65 issibu hati taht l-istess u fil-waqt li tiliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor zmen tlett xhur mill-lum, tikkundannah Euro 233 u tissospendilu l-licenzi tieghu kollha tas-sewqan ghal-zmien tmint tijiem dekorribli minn nofs il-lejl tal-lum.
Il-Qorti spiegat lill-imputat r-responsabiltajiet tiegh skond is-sentena.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------